Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

16358/14

COPEN 312
EUROJUST 216
EJN 90

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Péter Györkös, Ambaxxatur, Rappreżentant Permanenti, Rappreżentat Permanenti tal-Ungerija għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 28 ta' Novembru 2014 |
| lil: | Is-Sur Rafael Fernández-Pita y González, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali<br><br>- Notifika |

Għażiż Sur Direttur Ġenerali,

Nixtieq b'din ninnotifikak dwar l-implimentazzjoni mill-Ungerija tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (minn hawn 'il quddiem imsejħa DQ).

F'konformità mal-paragrafu 2 tal- Artikolu 3 tad-DQ kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali magħżula. L-**awtorità ċentrali Ungeriża magħżula** hija:

Közigazgatási és Elektronikus Közszolgáltatások Központi Hivatala

1094 Budapest, Balázs Béla utca 35

indirizz postali : H-1476 Budapest, Pf.: 281

Tel.: 00 36 1 550 1730

Fax: 00 36 1 455 6875

Posta elettronika: kekkh@kekkh.gov.hu

www.kekkh.gov.hu

Bis-saħħa tal-paragrafu 6 tal- Artikolu 11 tad-DQ kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kunsill bid-data minn meta jkun jista' jwettaq trasmissjonijiet. **L-Ungerija twettaq trasmissjonijiet mill-2012.**

Skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 10 tad-DQ kwalunkwe Stat Membru jista' jindika f'dikjarazzjoni liema huma l-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li huwa jaċċetta. L-Ungerija ma għamlitx din id-dikjarazzjoni.

F'konformità mal-paragrafu 2 tal- Artikolu 13 tad-DQ **kopja ta' kull att ta' implimentazzjoni hija mehmuża ma' din** (hawnhekk eskluża).

(Formula ta' għeluq)

(s.) Péter Györkös